# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-21 ta' Marzu, 2017**

**Rikors Numru 984/2012 SM**

**Laura Agius (24365 M) f'isimha proprja u f'isem it-tfal minuri taghha Stephanie (234985 M), Gregory (35797 M), u Analise (184998 M) u Mandy Agius (478987 M)**

**vs.**

***Transport Malta,* u b'digriet datat l-20 ta' Mejju, 2014, sostitwita bil-kliem Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u Joseph Genovese jew min minnhom**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur guramentat datat l-1 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1);

1.1. Illi Jesmond Agius *mart*, (ara paragrafu numru ghaxra (10.) aktar il-quddiem), tar-rikorrenti *proprio et nomine* Laura Agius, u missier il-minuri fuq indikati Stephanie, Gregory, u Analise, ahwa Agius – miet f'incident tat-traffiku fit-3 ta' Settembru, 2010, fi Triq l-Imdina, Birkirkara;

1.2. Illi l-incident *de quo* sehh bi htija tal-intimati jew min minnhom, minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti;

1.3. Illi r-rikorrenti sofrew danni skont il-ligi;

1.4. Illi l-intimati m'ghamlux tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

1.5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-procedura biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara li l-incident li wassal ghall-mewt ta' Jesmond Agius sehh bi htija tal-intimati jew min minnhom;

1.5.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*;

1.5.3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom biex ihallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat;

1.5.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat l-24 ta' Ottubru, 2012, li permezz tieghu stradat lill-partijiet fil-procedura li kellhom jadottaw, (ara foll 5);

3. Rat id-digriet ta' din il-qorti kif indikat li kienet preseduta fil-paragrafu precedenti datat l-20 ta' Novembru, 2012, (ara foll 9 u 10), li permezz tieghu, wara talba appozita fir-rigward, (ara foll 9), irrispingiet it-talba tar-rikorrenti Laura Agius *proprio et nomine*, li l-process verbal hemm indikat jifforma parti integrali tal-procedura odjerna;

4.0. Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita` intimata datata t-23 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti, (ara foll 11):

4.1. Illi m'hemm l-ebda entita` bl-isem ta' *"Transport Malta"*, u l-isem proprju hu "Awtorita` ghat-Trasport f'Malta" li f'isem l-istess Awtorita` qed isir l-istess risposta;

4.2. Illi l-azzjoni odjerna hi preskritta b'sentejn (2) *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4.3. Illi fil-mertu:

4.3.1. Illi l-Awtorita` intimata mhix responsabbli ghall-incident in dizamina;

4.3.2. Illi d-danni allegati huma kontestati u ghandhom jigu ppruvati;

4.4. Salv risposti ulterjuri;

5.0. Rat ir-risposta guramentata datata d-9 ta' Mejju, 2013, li permezz taghha l-intimat Genovese sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 21):

5.1. Illi r-rikorrenti ghandhom jippruvaw l-interess guridiku taghhom;

5.2. Illi l-incident de quo sehh fit-28 t'Awwissu, 2010, u mhux kif erronjament indikat mir-rikorrenti fir-rikors guramentat taghhom;

5.3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghaliex l-intimat odjern ma jahtix ghall-incident *de quo* billi dan sehh unikament bi htija ta' Jesmond Agius;

5.4. Illi in-nuqqas ta' htija tal-intimat odjern giet rikonoxxuta fil-process verbal mill-Inkjesta Magisterjali, (ara foll 24 *et sequitur*);

5.5. Illi fl-istess process verbal hemm il-konkluzjoni li l-incident in dizamina:

> "... sehh tort esklussiv tal-istess Jesmond Agius minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu. Is-sewwieq Joseph Genovese bl-ebda mod ma jahti ghall-incident in kwistjoni...", (ara foll 29);

5.6. Illi in vista tal-premess, m'hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti, u *in ogni modo* d-danni qed jigu kontestati;

5.7. Salv risposti ulterjuri;

6. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-12 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata biex tassistiha, (ara foll 31 u 32);

7. Rat id-digriet taghha datat l-24 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu ordnat li l-istess assistent gudizzjarju tirritorna l-inkartament kollu fl-atti ta' din il-procedura biex il-kawza tkun tista' tinstema mill-qorti kif preseduta, (ara foll 49);

8. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu, wara talba tal-abbli rapprezentant legali tal-Awtorita` intimata, laqghet l-istess talba ghall-korrezzjoni hemm indikata, (ara foll 56);

9. Rat id-digriet taghha datat it-17 ta' Dicembru, 2014, (ara foll 129 u 131 A), li permezz tieghu, wara rikors appozitu tar-rikorrenti *proprio et nomine*, laqghet l-istess talba u awtorizzat li ssir il-korrezzjoni mitluba senjatament, li d-data tal-incident in dizamina tigi indikata bhala dik tat-28 t'Awwissu, 2010, u mhux dik indikata fir-rikors guramentat promotur, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel u foll 1);

10. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti, awtorizzat is-sostituzzjoni tal-kelma *"mart"* bil-kliem *ir-ragel ta'*, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel u foll 1 u 135);

11. Rat id-digriet taghha datat it-18 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-procedura odjerna

bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 188), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 202);

12. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Awtorita` intimata datata s-16 ta’ Gunju, 2016, (ara foll 191), flimkien ma dik tar-rikorrenti *proprio et nomine*, (ara foll 203);

13. Tirrileva li l-intimat Genovese ghazel li ma jipprezenta l-ebda nota *nonostante* li kien debitament awtorizzat jiprezenta l-istess fit-termini fuq riferiti;

14. Semghet ix-xhieda prodotta;

15. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi l-fatti in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

16.1. Illi l-incident in dizamina sehh fit-28 t’Awwissu, 2010, fi Triq l-Imdina, Birkirkara, (ara foll 98);

16.2. Illi t-triq indikata fil-paragrafu precedenti hi wahda li tinsab fil-periferija bejn il-Hamrun u Birkirkara hdejn l-ufficcju ewlieni tal-Bank of Valletta, (ara foll 98);

16.3. Illi l-incident in dizamina sehh fin-nofs bejn is-*centre strip* li hemm fi Triq il-Kanun u r-rotunda li hemm fi Triq l-Imdina, (ara foll 98);

16.4. Illi t-triq fejn sehh l-incident hi wahda primarja u wiesgha, fejn minnha jghaddi volum sostanzjali ta’ traffiku, (ara foll 98);

16.5. Illi meta l-vetturi jasslu biex jghaddu mar-rotunda dawn ikunu kostretti li jsuqu f’linja wahda wara xulxin, (ara foll 98);

16.6. Illi *di piu`*, jirrizulta li fiz-zmien tal-incident *de quo* kien qed isir xoghol ta' tiswija fuq il-wicc tat-triq u konsegwentment kien hemm il-htiega ta' devjazzjoni tat-traffiku, (ara foll 98);

16.7. Illi konsegwenza tal-istess vetturi li kienu gejjin mid-direzzjoni tar-Rabat kienu qed isuqu fuq il-karreggjata li minnha s-soltu jsuqu l-vetturi li jkunu sejrin fid-direzzjoni tar-Rabat, (ara foll 98), u dawk sejrin bil-kontra, kienu qed jghaddu minn *service road* hdejn l-imsemmi Bank, (ara foll 99);

16.8. Illi t-triq fejn sehh l-incident hi dritta u catta, (ara foll 99);

16.9. Illi s-sinistrat Jesmond Agius kien qed isuq mutur tiela minn Triq il-Kanun mid-direzzjoni tal-Hamrun lejn ir-rotunda fuq imsemmija, (ara foll 104);

16.10. Illi fil-gurnata tal-incident it-temp kien tajjeb, it-triq kienet xotta, u l-vizibilita` kienet tajba, (ara foll 104);

16.11. Illi meta sehh l-incident Genovese kien hiereg bit-trakk tieghu tar-*ready-mix* minn Triq il-Kbira San Guzepp u kien anke lahaq dar mar-rotunda, in kwistjoni, (ara foll 104);

16.12. Illi hekk kif beda l-manuvra biex idur minn wara tal-haxix ihoss it-trakk jiccaqlaq u meta sema' l-ghajjat tan-nies waqaf, (ara foll 104 u 182);

16.13. Illi meta nizel mit-trakk l-istess intimat sab li kellu mutur u s-sewwieq tieghu maqbudin taht l-istess trakk, (ara foll 104);

Ikkunsidrat:

17. Illi preliminarjament jinghad li in vista tad-digriet datat l-20 ta' Mejju, 2014, (ara foll 56 u paragrafu numru tmienja, (8.), aktar qabel), l-Awtorita` intimata irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha, (ara foll 56 u 11);

18. Illi in vista tal-istess, tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tal-istess risposta in dizamina;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi preliminarjament jirrizulta wkoll li l-intimat Genovese jeccepixxi is-segwenti:

19.1. Illi r-rikorrenti ghandhom jippruvaw l-interess guridiku u li huma s-successuri tal-mejjet Jesmond Agius, (ara foll 21);

19.2. Illi d-data tal-incident kif indikata fir-rikors guramentat promotur hi erronea, (ara foll 21);

Ikkunsidrat:

**A. L-Interess Guridiku tar-Rikorrenti:**

20. Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni indikata fil-paragrafu precedenti jirrizulta minn analizi tad-dikjarazzjoni *causa mortis*, (ara foll 137), li s-sinistrat Jesmond Agius miet intestat;

21.0. Illi konsegwentement jirrizulta li skont il-ligi il-werrieta tieghu huma s-segwenti:

21.1. Laura Agius, l-armla tieghu, u werrieta tal-istess Jesmond f'nofs indiviz;

21.2. Illi n-nofs indiviz l-iehor jappartjeni lill-erbgha (4) uliedu fuq indikati;

22. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kollha fuq indikati lkoll ghandhom l-interess guridiku li jippersegwixxu l-procedura odjerna;

23. Illi konsegwentement din l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Genovese ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

**B. Korrezzjoni fid-Data tal-Incident:**

24. Illi fil-mori tal-kawza r-rikorrenti jirrizulta li indunaw bl-izball li ghamlu fir-rikors guramentat promotur u talbu korrezzjoni fir-rigward li intlaqghet skont il-ligi, (ara foll 129 u 131A);

25. Illi konsegwentement, anke din ir-risposta tal-intimat Genovese ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

26. Illi l-Awtorita` intimata eccepiet il-***preskrizzjoni*** *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara foll 11);

27.0. Illi f'dan ir-rigward isiru s-segwenti osservazzjonijiet:

27.1. Illi l-artiklu 2153 fuq indikat jistabbilixxi s-segwenti:

> "L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni ta' sentejn"

27.2. Illi in effetti jirrizulta li l-preskrizzjoni applikabbli mhux dik indirizzata mill-Awtorita` izda dik stabbilita fl-artiklu 2154 tal-istess Kap:

> "(1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali";

27.3. Illi fis-sentenza tal-***Qorti tal-Appell*** fl-ismijiet ***Isabelle u Norman konjugi Borg, illum legalment separati u t-tifel taghhom Lucan Borg, bhala werrieta tal-mejjet Jody Borg vs. Robert Galea u George Serracino***, datata t-***3 ta' Marzu, 2011***, gie ritenut is-segwenti:

> "L-ewwel qorti korrettament irriteniet li biex jigi determinat jekk ghemil hux reat jew le ma hux mehtieg li jkunu ttiehdu proceduri kriminali u

jekk l-ghemil in kwistjoni jkun oggettivament jammonta ghal reat allura dak l-agir xorta jkun reat kopert ghall-fini tal-preskrizzjoni bl-artiklu 2154 tal-Kodici Civili";

27.4. Illi ghalhekk *ai termini* tal-artiklu 2154 tal-Kodici Civili r-regoli tal-preskrizzjoni rilevanti u applikabbli ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni civili huma r-regoli naxxenti mill-Kodici Kriminali;

27.5. Illi fic-cirkostanzi in dizamina hu l-artiklu 255 tal-Kodici Kriminali li ghandu jiddetermina l-perjodu preskrittiv, *stante* li dan jindirizza l-piena relattiva ghal omicidju involontarju li hi hemm stabbilita f'erba' snin prigunerija;

27.6. Illi ghalhekk, kif previst fl-artiklu 688(d) tal-Kodici Kriminali, l-perjodu preskrittiv tal-azzjoni kriminali skont l-istess Kodici hu dak ta' hames (5) snin *stante* li l-piena koncernata tirrigwarda perjodu ta' anqas minn erba' (4) snin u mhux anqas minn sena (1);

27.7. Illi jirrizulta li l-incident in dizamina sehh fit-28 t'Awwissu, 2010, (ara foll 72);

27.8. Illi l-procedura odjerna kienet intavolata fl-1 t'Ottubru, 2012, (ara foll 1);

27.9. Illi *stante* li l-perjodu preskrittiv stabbilit bl-artiklu 2154 tal-Kodici Civili jirrizulta li hu dak ta' hames (5) snin, allura l-perjodu preskrittiv fir-rigward jiskadi f'Awwissu 2015;

27.10. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li d-data li fiha giet intavolata l-procedura in dizamina saret abbundantement entro t-terminu preskrittiv fuq indikat;

27.11. Illi konsegwentement, din l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita` intimata ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

28.0. Illi fir-rigward tal-***mertu*** tal-procedura in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

28.1. Illi fir-relazzjoni tieghu l-espert tekniku inkarigat mill-Magistrat Inkwirenti wasal ghas-segwenti konkluzjoni, (ara foll 105):

> "Illi fl-opinjoni tal-esponent hemm element kbir ta' traskuragni mis-sewwieq Jesmond Agius. Illi minn xhieda indipendenti jirrizulta li Agius hareg minn fuq il-*Give Way* sign li hemm gewwa Triq il-Kanun. Intant hareg manifestament car li Agius kien ghaddej minn Triq il-Kanun u sahansitra qabez diversi vetturi li kienu wieqfa jistennew sabiex jaqbdu r-rotunda. Illi Agius hareg minn *side road* minghajr ma waqaf fuq il-*Give Way sign* u dan ghad-detriment tieghu stess. Illi kien bi traskuragni kbira illi Agius baqa' hiereg u ma halliex il-vetturi li kienu mar-*roundabout* jghaddu qabel ma jkompli fi triqtu.
>
> "Illi min-naha l-ohra Joseph Genovese kien diga qabad ir-*roundabout* u kien ser jaqbad is-*service road*. Illi huwa lanqas biss induna bil-mutur u kien biss meta sema' l-ghajjat tan-nies illi waqaf sabiex jara x'gara. Illi ghaldaqstant hi l-opinjoni umli tal-esponent illi Genovese ma kellu l-ebda tort f'dan l-incident u dan peress li hu kien ghaddej mar-*roundabout* fejn hu kellu d-dritta";

28.2. Illi ssir ukoll referenza ghall-konkluzjonijiet tal-Magistrat Inkwirenti li stabbiliet is-segwenti, (ara foll 29):

> "Mill-provi migbura u mir-relazzjonijiet tal-esperti nominati ... jirrizuta li l-incident tat-traffiku li sehh fit-28 t'Awwissu, 2010, fi Triq l-Imdina, Birkirkara, bejn trakk bin-numru ta' registrazzjoni IBM – 148 misjuq minn Joseph Genovese ... u l-mutur ... Honda bin-numru ta' registrazzjoni FAN – 273 misjuq minn Jesmond Agius ... sehh b'tort esklussiv tal-istess Jesmond Agius minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku *da parte* tieghu. Is-sewwieq Joseph Genovese bl-ebda mod ma jahti ghall-incident in kwistjoni ...";

28.3. Illi di piu` jinghad li l-Awtorita` intimata hadet hsieb tpoggi barrikati appoziti mimlija bl-ilma u sinjali bizzejjed biex sewwieqa jigu ggwidati li jkunu jistghu jsuqu b'sigurta`, (ara foll 157 *et sequitur*);

Ikkunsidrat:

29.0. Illi rigward ir-***responsabbilita`*** in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

29.1. Illi essenzjalment kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu, (artiklu 1031 tal-Kap 16);

29.2. Illi hu fi htija kull min ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, (artiklu 1032 tal-Kap 16);

29.3. Illi kull min, bil-hsieb jew minghajr il-hsieb li jaghmel deni ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza, jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk, (artiklu 1033 tal-Kap 16);

29.4. Illi kif sosstniet il-***Qorti tal-Appell*** fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Attard vs. Mikiel Refalo et***, datata t-***28 ta' Settembru, 2007***, fil-parti minnha hemm citata:

> "Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria amissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione o omissione, o si viola il diretto altrui senza volerlo, ed anche senza avvidersene";

Ikkunsidrat:

30. Illi biex il-procedura odjerna intavolata mir-rikorrenti tilhaq l-iskop taghha jinhtieg li r-rikorrenti tipprova pozittivament il-htija tal-intimati, senjatament li kolpozament jew b'negligenza ma

hadux il-prekawzjonijiet ta' *bonus paterfamilias* mistennija minnhom;

31. Illi minn ezami tal-provi, konfortati mill-analizi tal-esperti teknici nominati mill-Magistrat Inkwirenti, u mill-istess Magistrat Inkwirenti, ma jirrizultax li xi hadd mill-intimati kien responsabbli ghall-incident hawn in dizamina;

Ikkunsidrat:

32. Illi konsegwentement, mill-analizi suespost ghandu jirrizulta pacifiku li l-incident meritu tal-procedura odjerna sehh tort u htija ta' Jesmond Agius minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku *daparti* tieghu;

33. Illi in vista tal-istess ghandha ghalhekk tigi akkolta t-tielet risposta kemm tal-Awtorita` intimata (ara foll 11), u tal-intimat Genovese, (ara foll 21);

Ikkunsidrat:

34.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma ippruvawx it-talbiet taghhom fir-rigward tal-intimati, u konsegwentement, filwaqt li:

**DECIDE:**

34.1. Tirrespingi l-ewwel (1) u t-tieni (2) risposti preliminari ta-intimat Genovese;

34.2. Tirrespingi wkoll it-tieni risposta preliminari tal-Awtorita` intimata;

34.3. Tirrespingi finalment it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

34.4. Takkolji t-tielet (3) risposta tal-Awtorita` intimata u tal-intimat Genovese rigwardanti l-mertu in dizamina;

34.5. Bl-ispejjez kollha ta’ din il-procedura kontra r-rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**